

32002D0020

12.1.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 10/75

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-11 ta' Jannar 2002

li temenda d-Deċiżjoni 96/606/KE dwar kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l- importazzjoni ta'prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Urugwaj

(innotifikata fid-dokument numru Ċ(2001) 4983)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/20/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produttjoni u l-bejgħ ta' prodotti tas-sajd ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/79/KE ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 11(5) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/606/KE tal-11 ta' Ottubru 1996 dwar kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Urugwaj ⁽³⁾, tiddikjara li l-"Ministerio de Ganadería, Agrikultura y Pesca - Instituto Nacional de Pesca (INAPE)" għandu jkun l-awtorità kompetenti fl-Urugwaj li tivverifika u tiċċertifika illi l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura huma skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

(2) Wara li sar ristrutturar ta' l-amministrazzjoni Urugwajana, l-awtorità kompetenti li toħroġ iċ-ċertifikati tas-saħħa għall-prodotti tas-sajd saret "Dirección Nacional de Recursos Acuáticos (Dinara) del Ministerio de Ganadería, Agrikultura y Pesca". Din l-awtorità għda tista' tivverifika effettivament li l-liġijiet fis-seħħ qed jiġu applikati.

(3) Barra dan, billi l-Urugwaj tixtieq tesporta lejn il-Komunità molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar, tal-friża jew ipproċessati, u l-awtoritajiet Kompetenti ta' dan il-pajjiż iggarantixxu li dawn il-prodotti jiġu sterilizzati jew ittrattati bis-sħana skond il-kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/25/KEE tal-11 ta' Diċembru 1992 li tapprova ċertu trattamenti kontra l-mikro-organiżmi patoġeniċi fil-molluski bivalvi u gastropodi tal-baħar ⁽⁴⁾, kif emendata bid-Deċiżjoni 97/275/KE ⁽⁵⁾, il-Kummissjoni addottat

id-Deċiżjoni 2002/19/KE dwar kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar li joriġinaw fl-Urugwaj ⁽⁶⁾.

(4) Il-kliem tad-Deċiżjoni 96/606/KE għandu jifassal fuq kliem ta' Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni addottati aktar riċenti, dwar kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw minn ċertu pajjiżi terzi.

(5) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni 96/606/KE għandha tiġi emendata kif xieraq.

(6) Il-miżuri pprovduti f'din-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 96/606/KE hija emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 1 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"L-Artikolu 1

Id-"Dirección Nacional de Recursos Acuáticos (Dinara) del Ministerio de Ganadería, Agrikultura y Pesca" hija l-awtorità kompetenti fl-Urugwaj biex tivverifika u tiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura huma skond il-kondizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE.”;

2. fl-Artikolu 2, il-punt 3 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

“3. ħliet f'każ ta' prodotti tas-sajd iffriżati bil-kwantità u maħsuba għall-ippreservar ta' ikel ippreservat, l-ippakkjar kollu għandu jkollu fuqu l-kelma 'URUGWAJ' u n-numru ta' l-approvazzjoni/r-reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, il-bastiment tal-fabbrika, l-maħżen ta' l-oġġetti tal-friża jew il-bastiment friża oriġinarju b'ittri li ma jitħassrux”

⁽¹⁾ ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.⁽²⁾ ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.⁽³⁾ ĠU L 269, tat-22.10.1996, p. 18.⁽⁴⁾ ĠU L 16, tal-25.1.1993, p. 22.⁽⁵⁾ ĠU L 46, tad-19.2.1991, p. 1.⁽⁶⁾ ĠU L 12, tat-12.1.2001, p. 73.

3. fl-Artikolu 3, paragrafu 2 huwa ssostitwit b'dan li ġej:
“2. Iċ-Ċertifikati għandu jkollhom l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappreżentant tad-Dinara u t-timbru uffiċjali tagħha b'kulur differenti minn endorsjari oħra.”;
4. L-Anness A huwa ssostitwit bl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni tapplika għall-Istati Membri.

Meħuda fi Brussell, fil-11 ta' Jannar 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX

"L-Anness A

Iċ-Ċertifikat tas-Saħħa

Għall-prodotti tas-sajd u l-akwakultura li joriġinaw fl-Urugwaj bi skop ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea

Nru ta' Referenza:

Il-Pajjiż minn fejn hu mibgħut il-prodott: URUGWAJ

L-awtorità kompetenti: Direcion Nacional de Recursos Acuaticos (Dinara) de la Secretaria de Salud

I. Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd

- Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/l-akwakultura ⁽¹⁾:
- L-Ispeċi (l-isem xjentifiku):
- Preżentazzjoni tal-prodott u t-tip ta' trattament użat ⁽²⁾:
- Numru tal-kodiċi (fejn jeżisti):
- Tip ta' ppakkjar:
- Numru ta' pakketti:
- Il-piż nett:
- Temperatura meħteġa għall-ħażna u l-ġarr:

II. Oriġini tal-prodotti

L-Isem (l-smijiet) u n-numru(i) ta' l-approvazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), jew il-maħżen (l-imħażen) għall-oġġetti tal-friża jew il-bastiment(i) friża reġistrat(i) mid-Dinara għall-esportazzjoni lejn il-KE:

.....

.....

III. Destinazzjoni tal-prodotti

Il-prodotti huma mibgħuta:

Minn:
(IL-Post minn fejn huma mibgħuta)

għal:
(Il-Pajjiż u l-post tad-destinazzjoni)

permezz ta' dawn il-mezzi tat-trasport:

.....

L-Isem u l-indirizz ta' min jibgħathom:

.....

L-Isem ta' min jirċievihom u l-indirizz tal-post tal-konsenja:

.....


⁽¹⁾ Aqta' fejn applikabbli.

⁽²⁾ Ħaj, imkessaħ fil-friġġ, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippriservat, eċċ.

IV. Attestazzjoni tas-Saħħa

- L-ispettur uffiċjali hawn jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd u l-akwakultura speċifikati hawn fuq:
1. ġew maqbuda u mgħobbija fuq il-bastimenti skond ir-regolamenti tas-saħħa preskritti mid-Direttiva 92/48/KEE;
 2. ġew mħatta, immaniġġjati u fejn japplika ppakkettjati, ppreparati, pproċessati, iffriżati, imdewba u maħżuna b'mod iġeniku skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-Kapitoli II, III u IV ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 3. ġew sottomessi għall-kontrolli tas-saħħa skond il-Kapitolu V ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 4. huma ppakkettjati, immarkati, maħżuna u ttrasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VIII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/KEE;
 5. ma -jigħux minn speċi tossiċi jew speċi li jkun fihom il-biotossini;
 6. ġew ikkontrollati organolettikament, parasitoloġikament, kimikament u mikrobioloġikament b'mod sodisfaċenti kif preskritti għall-ċertu kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u mid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tagħha;
 7. Barra minn hekk, fejn il-prodotti tas-sajd huma molluski bivalvi ffriżati jew ipproċessati: il-molluski ġew minn żoni ta' produzzjoni approvati kif preskritti fl-anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/19/KE dwar il-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar li joriġinaw fl-Urugwaj u li ġew sterilizzati jew ittrattati bis-sħana skond il-kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni 93/25/KEE.
- L-ispettur uffiċjali ffirmat hawn taħt jiddikjara li huwa konxju tal-provvisti tad-Direttivi 91/492/KE, 91/493/KEE u 92/48/KEE u d-Deċiżjonijiet 93/25/KEE, 96/606/KE u 2002/19/KE.

Magħmula fi, fl-
 (Post) (Data)



.....
 (Firma ta' l-ispettur uffiċjali) (*)

.....
 (Isem b'titri kbar, il-kariga u l-kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

(*) I l-kulur tat-timbru u l-firma għandu jkun differenti minn dak ta' dettalji oħra fuq iċ-ċertifikat.